*Fr. John Taljana mssp*
*Viċi Kappillan*

# Ħamsin sena ilu...



Il-parroċċa ta' St.Bernadette's North Sunshine fl-Awstralja, immexxija mill-membri tas-Soċjetà tagħna għadha kemm għalqet iċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 sena mill-bidu tat-twaqqif tagħha.

Kien hemm attivitajiet reliġjużi u soċjali li kien ilhom sejrin tul is-sena kollha. Bħal ma huma, "Christmas in July" li huwa bħala family night u Lejla Maltija, fejn kien hemm spagetti u fenek. Imma l-attenzjoni tul din is-sena kien fuq l-aspett reliġjuż.

Dan kien jikkonsisti f'eżercizzi spiritwali f'diversi lingwi. Dan għaliex fil-parroċċa tagħna, għandna nies minn nazzjonalitajiet differenti bħal ma' huma Polakki, Taljani, Vjetnamiżi u Maltin. L-eżerċizzi tal-Maltin saru minn Fr. Denis Carabott mssp u mill-E.T. Mons. Joe Grech, Isqof ta' Bendigo fil-Victoria. Is-sena għalqet bl-eżerċizzi bl-ingliż. Dawn saru kemm filgħodu u kemm fil-għaxija biex ikun iktar faċli li jattendi kulħadd. L-attendenza f'kull attività kienet sabiħa u inkorraġġanti ħafna. Kienet sena li nemmnu li fiha sar ħafna ġid, u ta' dan nirringrazzja lil Alla.



## Għeżież...

Għeżież Qraba, Benefatturi u ħbieb tas-Soċjetà tagħna,

Għalkemm ninsab il-bogħod ftit mhux ħażin minn Malta, xorta xtaqt inżomm l-appuntament tiegħi magħkom ta' kull sena bħal dan Iż-żmien. Permezz ta' din il-fuljett li nibagħtulkom kull xahar, u dan issa ilna nagħmluh għal snin twal, aħna nipprovaw inżommukom infurmati b'dak kollu li jkun għaddej fis-Soċjetà. Għall-grazzja t'Alla ħafna nies ikunu jistennewha bil-ħerqa. Hekk jgħiduli diversi benefatturi meta mmur inżurhom.

Jekk inħarsu lejn is-sena li għaddiet, għandna għax nirringrazzjaw 'l Alla għal tant avvenimenti sbieħ: Kellna ordinazzjoni Saċerdotali fil-Peru,' Professjoni ta' l-ewwel membru mill-Indja, ħames żgħażagħ jibdew il-pre-novizzjat, żewġ vokazzjonijiet mill-Filippini, id-Dar Stella Maris f'Għawdex bdiet tilqà ir-ritiranti wara li saritilha refurbishment kbir. Kellna għażla ta' Vigarji Reġjonali ġodda f'Malta, fl-Awstralja u fil-Peru'. Il-Maratona "Ohloq Tbissima" kienet barka oħra mis-sema, Grupp ta' żgħażagħ miċ-Ċam Youths reġgħu marru Napli biex jaħdmu mal-fqar. Iċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja reġà bagħat membri oħra jaħdmu fil-Peru' għal sena jew aktar. Dan kollu kien ftit mill-barka li tana l-Mulej matul din is-sena li għaddiet.

Issa kif nagħmel is-soltu, irrid ngħidilkom xi ftit mill-fatti sbieħ li ltqajt magħhom din is-sena li veru jagħtuna eżempju.

Waħda mara mis-Siġġiewi, baghtet għalija u tatni borża ta' studju. Wara ftit qaltli, "Dawn mhux miż-żejjed li għandi, imma noghqod nieqsa minn din u mill-oħra u ġemmajthom". Old Boy tal-Kulleġġ tagħna li kien għadu kemm laħaq tabib ġie hawn u qalli " Father xtaqt li l-ewwel paga naghtiha lil missjoni". Koppja, hu mir-Rabat u hi miż-Żurrieq minflok ma xtraw is-souvenirs tat-tieġ, li jagħtu lin-nies, il-flus tawhom għal missjoni. Koppja oħra minn San Ġiljan, għall- okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda, talbu lill-mistednin li r-rigali minflok jaghtuhom lilhom jibagħtuhom lis-Soċjetà tagħna. Mara oħra mis-Siġġiewi, wara li tatni l-flus għal borża ta' studju, qaltli "Jekk tagħsarhom dawk il-flus joħroġ minnhom id-demm, daqskemm batejt f'ħajti. Imma kuntenta li ser naghtihom lill- missjoni". U ħafna eżempji oħra.

Minn qalbi nixtiqilkhom il-Milied it-tajjeb u sena mimlija Barka tal-Mulej.

Tinsewx il-laqgħa f'Sant Agata fis-16 ta' dan ix-xahar fit 3.30.p.m. u ġibu l-ħbieb magħkom

*Fr,Norbert Bonavia mssp, Delegat għall-Benefatturi*

**Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl** | Sant'Agata, Rabat, Malta RBT 07 Tel: 2145 4503 | Stella Maris, Żebbuġ, Gozo Tel: 2155 1159

NEWSPAPER POST



# aħnalilkom

Ħolqa bejn il-ħbieb

DIĊEMBRU 2007 | GĦADD 421
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP

# Wara l-Vista Kanonika

Fr. Norbert Bonavia mssp

Is-Superjur Ġenerali, flimkien ma' Fr James Bonello,Segretarju Ġenerali, għamel is-solitâ vista tiegħu lill-missjonijiet kollha tal-MSSP.

Is-Superjur Ġenerali qalilna li għal darba oħra din il-vista tagħtu ċ-ċans li jara il-ħidma kbira u ġeneruża mill-membri tagħna kulfejn jinsabu. Seta' wkoll jinnota ix-xewqa u l-ħeġġa tagħhom biex ikomplu jtejbu is-servizz li qed jagħtu lill-poplu t'Alla. Dan seta' jaraħ għax f'diversi vigarjati u reġjuni tas-Soċjeta' fl-okkażjoni tal-visita kanonika isiru il-kapitli reġjonali, li fihom jinqraw rapporti tal-ħidmiet li jkunu qed jitwettqu mil-membri fil-paroċċi u f'istituzzjonijiet oħra li tagħhom is-Soċjeta hi responsabbli. Dawn ir-rapporti jiġu studjati u jaraw x'jista isir aħjar.



Fr Bernard Mangion u Fr. James Bonello fil-Peru'

Kellu wkoll laqgħat ma' entitajiet parrokkjali u ma' nies midħla tax-xogħol li jwettqu sħabna. Minn għand dawn seta' jieħu wkoll l-"feed back", fuq dak li qed isir. Barra dan kellu laqgħat ma' l-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi, li kollha esprimew miegħu l-apprezzament tagħhom għax xogħol siewi li jwettqu l-membri tagħna.

Ċertament, il-ħidma tal-membri tagħna kull fejn jinsabu ma tillimitax ruħha biss għal-ħidma strettament pastorali iżda tieħu xejriet oħra skond il-bżonnijiet ta' dawk li fosthom jaħdmu. Hu għalhekk li l-ħidmiet tas-soċjetà jinkludu ħidma fil-qasam soċjali, mediku, edukattiv, artistiku u anki sportiv. Dan jidher aktar ċar fil-postijiet li għadhom qed jiżviluppaw. Kellu ukoll kliem ta' tifħir għal dawk il- lajċi maltin li jiddedikaw ftit minn ħajjithom biex jaħdmu mal-membri tagħna f'dawn il-pajjiżi. Huma jagħtu kontribut kbir u fuq kollox jagħtu eżempju ħaj tal-karità nisranija. Kompla jgħidlna s-Superjur li dawn l-opri kollha li s-soċjetà qed twettaq huma wkoll frott tal-ġenerożità tal-benefatturi tagħna. "Mill-qiegħ ta' qalbi, qalilna s-Superjur, Nirringrazzjahom f'isem il-membri tagħna kollha u f'isem dawk il-ħafna nies li jibbenefikaw mil-karità tagħhom. Tassew inħossni kommoss meta nismà lil dawn in-nies jitolbu minn qalbhom għal tant u tant benefatturi li huma ma jafuhomx imma madanakollu qed igawdu mil-ġenerosità tagħhom."

Fl-aħħarnett is-superjur ġenerali qalilna wkoll fuq il-ferħ li jħoss meta jara li fil-vokazzjonijiet ġodda hemm futur sabiħ jistenna lis-Soċjetà minkejja n-nixfa li hawn fil-vokazzjonijiet, il-Mulej qed isejjaħ żgħażagħ biex ikomplu fil-futur il-kariżma li tagħna permezz tas-SERV TIEGĦU

**Ġużeppi De Piro.**

# *Knisja ġdida f'Aplao*

Fr. Ġorġ Scerr mssp
iKappillan





Il-knisja parrokkjali ta' San Pietru f'Aplao, il-Peru' kienet iġġarrfet bit-terremot tat-23 ta' Ġunju tal-2001. Din il-knisja kienet il-mimmi t'għajnejn in-nies. U verament ħassew għafsa ta' qalb meta rawha tiġġarraf. Dak inhar jien għidtilhom, "Tibżgħux, bil-għajnuna t'Alla nerġgħu intellgħuha".

Wara sentejn inqaddsu fil-bitħa tal-kulleġġ li għandna fil- parroċċa, fl-ewwel ta' Frar tal-2003 bil-għajnuna ta' ħafna benefatturi Maltin bdejna nibnu knisja ġdida. Kont nieħu gost nara n-nies kollha jgħinu kif jistgħu ħalli din il-knisja titlesta. Fil-fatt, wara erba' snin u seba' xhur li beda x-xogħol waslet il-ġurnata biex nawgurawha u nikkonsagrawha. Nhar il-festa tal-Bambina ta' din is-sena, ġie l-isqof tagħna Mons. Mario Busquets Jorda', s-saċerdoti tas-Soċjetà tagħna u saċerdoti oħrajn tad-djoċesi għal din l-okkażjoni speċjali.

Iċ-ċerimonja bdiet fil-11 ta' filgħodu. Biss in-nies kien ilhom li ngabru ferm qabel. Is-sema kien bnazzi mill-isbaħ biex ikompli isebbaħ l-okkażjoni. In-nies tal-parroċċa u oħrajn li ingħaqdu magħhom imxew b'korteo lejn il-knisja l-ġdida.

F'dan il-korteo, li kien ifisser il-mixja tagħna lejn id-DAR t'Alla, ħadu sehem ukoll istituzzjonijiet reliġjużi tal-lajċi, is-Sindku ta' Aplao u awtoritajiet oħra kif ukoll l-iskola tas-snajja' tal-Parroċċa u l-kulleġġi tas-sekondarja li hawn f'Aplao, belt kapitali tal-provinċja ta' Castilla. F'idejhom kellhom il-bandalori u bnadar oħra ta' l-okkażjoni. Kien fihom għaxqa tarhom kollha ferħana, libsin mill-aħjar li setgħu, għax issa għandhom il-knisja mibnija mill-ġdid. Meta l-folla kbira ta' nies waslet fil-pjazza li hemm quddiem il-knisja, wasal ukoll l-Isqof Mons. Mario Busquets Jorda' akkumpanjat mis-saċerdoti konċelebranti. L-ewwel ħaġa li saret kienet spjegazzjoni mill-bennej tal-bini u l-mudell li għandha l-knisja. Wara l-Isqof, lili bħala kappillan, tani f'idejja ċ-ċwievet tal-bieb prinċipali tal-knisja u qalli biex niftaħ il-bieb.

Hawn in-nies infexxu f'ċapċip kbir li juri l-ferħ li kellhom f'qalbhom issa li għandhom knisja ġdida u sabiħa kif jixirqilhom. Jien min-naħa tiegħi qabżuli xi demgħat minn għajnejja bl-emozzjoni li ħassejt f'dak il-mument. Dan kollu sar bl-għajnuna tagħkom il-Maltin u meta jien minn fuq l-artal irringrazzjajt lill-Maltin tal-għajnuna kbira li tawna biex tinbena din il-knisja in-nies qamu bil-wieqfa u infaqgħu f'ċapċip kbir li ma setgħux jieqfu. Minn qalbi ngħidilkom grazzi u nitlob għalikhom.

Wara l-funzjoni jien irċivejt medalja tad-deheb mingħand is-Sindku ta'Aplao f'isem ommi Carmen Scerri li ġiet innominata mill-kumitat PARRINA ĠENERALI tal-knisja.





# Il-Kulleġġ Parrokkjali - *José Caruana*

Fr. Vincent Magro mssp
Direttur






Ftit taż-żmien ilu qrajt il-ħajja ta' S.Ġwann Batt. De. La Salle li huwa l-fundatur tal-Freres u padrun tal-għallema. Dan il-qaddis permezz tal -"Brothers" tiegħu fetaħ kulleġġi għat-tfal fqar, tistà tgħid fid-dinja kollha. Dan għamlu biex jegħleb l-injoranza f'kull pajjiż speċjalment dik reliġjuża. Jien inqbadt b'din l-idea u għedt nixtieq nagħmel xi ħaġa bħalu.

Veru li f'dawn l-aħħar 40 sena kemm ili hawn, il-Peru' għamel ftit progress. Imma fl-edukazzjoni qatt ma hu biżżejjed. U tfajt għonqi għax-xogħol, għax għedt jekk jirnexxili nagħmel kulleġġ, għada pitgħada ikollna familji edukati u ffurmati kristjanament ukoll.

L-idea kienet sabiħa imma tgħidx minn kemm inkwiet kelli ngħaddi.Għamilt iljieli naħseb. Qtiegħ ta' qalb minn kullimkien. Domt tmien xhur nistenna l-permess mill-Gvern biex nibda ngħallem. Għax hawnhekk irid jiffirmalek il-Gvern u l-Arċisqof flimkien għax hekk il-ftehim.

Però l-Mulej dejjem sibtu miegħi. U fit-2 ta' Marzu 2006 bil-għajnuna t'Alla ftaħna l-ewwel sular tal-Kulleġġ bi 17 tifel u tifla fost il-ferħ ta' shabi il-Fathers mssp. Il-benfatturi komplew jgħinuni u allura fit-2 ta' April 2007 fil-preżenza tas-Superjur Ġenerali Fr. Bernard Mangion ftaħna it-tieni sular b'43 student. Malli titla' f'dan is-sular issib plakka li tfakkar lil Fr. Carmelo Camenzuli mill-Hamrun, għax barra li kien ħadem ħafna fil-Peru', oħtu Meggie hija benefattriċi kbira ta' dan is-sular. Il-kulleġġ jikkonsisti f'erba' swali kbar, "teachers' room", laboratorju żgħir, erba' klassijiet u kamra għall- "watchman".

Barra dan għandna bitħa imdawra b'ħafna siġar u "grounds" fejn jilagħbu t-tfal. Issa irridu inkabbru għax is-sena d-dieħla ġejjin aktar tfal. Nittama dejjem fil-providenza t'Alla li mhix ser tonqosni. Il-kulleġġ semmejtu għal Bro. Joseph Caruana l-ewwel missjunarju tas-Soċjetà tagħna.



